# Għotja biex Tgħin lis-Sidien fil-Bini, Irranġar u /jew Tkomplija tal-Ewwel Residenza Tagħhom

Iċ-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar jgħarraf li l-Awtorita' tad-Djar qed tilqa' applikazzjonijiet għal għotja biex tgħin fil-bini u/jew tkomplija ta' xogħlijiet jew irranġar tal-ewwel residenza skont il-kundizzjonijiet ta' din l-iskema.

## 1. Skop tal-Iskema

L-għotja taħt din l-iskema hi intiża biex tikkompensa parti mill-ispiża tal-kostruzzjoni jew fuq xogħol ta' tlestija jew irranġar fl-ewwel dar ta' abitazzjoni. Is-sidien tal-ewwel residenza, li minħabba żieda fin-numru ta' membri familjari għandhom bżonn iżidu xi kmamar jew jagħmlu xi alterazzjonijiet fir-residenza, jistgħu jibbenifkaw minn din l-għotja.

## 2. Tifsir

F'din l-iskema, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tinħtieġx xorta oħra:-

"riċevuta fiskali" tfisser riċevuta kif imfissra fl-Erbatax-il Skeda tal-Att, tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII tal-1998) u jinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

"applikanti " tfisser:-

(a) persuna waħidha 'l fuq minn erba' u għoxrin (24) sena u/jew persuni 'l fuq minn tmintax-il(18) sena b'diżabilita' fiżika, intellettwali, jew li qed isofru jew sofrew minn mard kroniku mentali.

(b) koppja miżżewga jew għarajjes (bl-intenzjoni li jiżżewġu). Dawn għandhom japplikaw flimkien.

(c) ġenitur wieħed inkluż ukoll ġenituri legalment separati/annullati/divorzjati li għandhom il-kustodja ta' wliedhom.

(d) armel/armla li għandhom it-tfal mhux miżżewġa jgħixu miegħu/ magħha.

(e) persuni 'l fuq minn erba' u għoxrin (24) sena li normalment jabitaw flimkien.

"dar ta' abitazzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Artiklu 2 tal-Att tal-1988 biex tħajjar persuni jsiru sid ta' darhom (Kap 328);

"ic-Chairman" tfisser iċ-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar u tinkludi kull persuna awtorizzata biex taġixxi minfloku;

"l-Awtorita'" tfisser l-Awtorita' tad-Djar.

F'din l-iskema s-singular jimporta l-plural u l-maskil jimporta l-femminil.

## 3. Min Jista' Japplika taħt din l-iskema

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-iskema, din l-iskema tapplika biss għall-applikanti kif deskritt fi Klawsola 2 li fid-data tal-applikazzjoni huma:

(a) jkunu ċittadini Maltin jew tal-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' miżżewġin mhux separati/divorzjati, biżżejjed li parti waħda tkun Maltija jew tal-Unjoni Ewropea;

(b) ċittadini tal-Unjoni Ewropea li qed jakkwistaw l-ewwel residenza. Applikanti li mhumiex ċittadini Maltin iridu jissodisfaw il-kriterji maħruġa minn xi Awtorita' jew mill-uffiċċju tal-Prim Ministru.

(c) jkunu jgħixu Malta għal tal-anqas tmintax-il (18) xahar fl-aħħar erbgħa u għoxrin (24)xahar, immedjatament qabel l-applikazzjoni.

## 4. Applikanti li huma legalment separati/divorzjati

Persuni legalment separati/divorzjati bit-tfal mhux miżżewġa jgħixu magħhom, li jakkwistaw l-ewwel post ta' residenza wara s-separazzjoni/divorzju, huma ntitolati għall-għotja taħt din l-iskema. Iżda dawk l-applikanti li, waħedhom jew mar-raġel/mara tagħhom li diġa' ibbenefikaw taħt l-iskemi preċedenti tar-rifużjoni tal-VAT amministrati mid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali u/jew l-Awtorita' tad-Djar, ma jikkwalifikawx taħt din l-iskema.

## 5. Għotja offruta taħt din l-Iskema

Persuna tikkwalifika biex tapplika għall-għotja massimu ta' €5,824 taħt din l-iskema fuq spejjeż magħmula għall-akkwist jew bini jew irranġar tal-ewwel dar ta' abitazzjoni.

Tingħata għotja addizzjonali ta' €1,165 għall-irranġar jew bini mill-ġdid ta' proprjeta' mibnija jew li kienet lesta għall-abitazzjoni qabel jew fl-1 ta' Jannar 1990.

Il-ħlas tal-għotja jingħata fuq il-preżentazzjoni ta' riċevuti fiskali maħruġa fuq isem l-applikanti.

Għotjiet taħt din l-iskema jsiru biss fir-rigward ta' waħda mill-kategoriji segwenti u jingħataw f'żewġ stadji kif muri hawn taħt:

(i) **Kategorija A**: dar ta' abitazzjoni li l-bini tagħha jew tkomplija ta' xogħlijiet relatati magħha jkunu saru wara l-1 ta' Jannar 1999;

L-ewwel ħlas: Għotja li tammonta sa 13.04% f'każ li x-xogħlijiet saru sal-31 ta' Diċembru 2003 u 15.254% f'każ li x-xogħlijiet saru wara l-1 ta' Jannar 2004 tal-valur taxxabbli ta' oġġetti u servizzi fornuti u mħallsa fil jew wara d-data tal-akkwist tal-proprjeta' dwar kostruzzjoni li jinkludi tħammil, pedamenti, ġebel u konkos, inkluż il-kontrabejt u spejjes oħra konnessi mall-bini tad-dar sa massimu ta'€3,028;

It-tieni ħlas - Għotja li tlaħħaq sa 13.04% f'każ li x-xogħlijiet saru sal-31 ta' Diċembru 2003 u 15.254% f'każ li x-xogħlijiet saru wara l-1 ta' Jannar 2004 tal-valur taxxabbli ta' oġġetti u servizzi fornuti u mħallsa fil jew wara d-data tal-akkwist tal-proprjeta' dwar xogħlijiet ta' finitura inklużi it-tikħil u tibjid, elettriku w ilma, madum u irħam, bibien ta' ġewwa u ta' barra, twieqi u kmamar tal-banju - sa massimu ta' €2,796;

(ii) **Kategorija B** - irranġar, rikostruzzjoni u estenzjoni ta' proprjeta' biex tintuża bħala l-ewwel dar ta' abitazzjoni, li tali xogħol relatat mal--istess abitazzjoni jkun sar wara l-1 ta' Jannar 1999 u liema proprjeta' kienet mibnija u lesta għall-abitazzjoni fl-ewwel ta' Jannar 1990 jew qabel:

L-ewwel ħlas - għotja li tlaħħaq sa 13.04% f'każ li x-xogħlijiet saru sal-31 ta' Diċembru 2003 u 15.254% f'każ li x-xogħlijiet saru wara l-1 ta' Jannar 2004 tal-valur taxxabbli ta' oġġetti u servizzi fornuti u mħallsa fil, jew wara d-data tal-akkwist tal-proprjeta' fuq ħlasijiet dwar twaqqiegħ (fejn applikabbli), estenzjoni ta' bini u rikostruzzjoni inklużi t-tħammil, pedamenti, ġebel u konkos, inkluż il-kontrabejt, u drittijiet dwar il-kostruzzjoni tad-dar sa massimu ta'€3,727;

It-tieni ħlas - għotja li tlaħħaq sa 13.04% f'każ li x-xogħlijiet saru sal-31 ta' Diċembru 2003 u 15.254% f'każ li x-xogħlijiet saru wara l-1 ta' Jannar 2004 tal-valur taxxabbli ta' oġġetti u servizzi fornuti u mħallsa fil jew wara d-data tal-akkwist tal-proprjeta' fuq ħlasijiet dwar xogħlijiet ta' finitura inklużi it-tikħil u tibjid, elettriku u ilma, madum u irħam, bibien ta' ġewwa u ta' barra, twieqi u kmamar tal-banju sa massimu ta'€3,262.

## 6. Metodu ta' Applikazzjoni

(1) Persuna li tikkwalifika biex tapplika taħt din l-iskema għandha tapplika fuq il-formola preskritta u għandha tagħti kull informazzjoni, dettalji u ċertifikati kif mitlub fl-imsemmi formola ta' din l-iskema.

(2) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom mehmuża magħhom riċevuti fiskali oriġinali maħruġa fuq isem l-applikanti li juru l-ħlasijiet magħmula minnhom dwar l-akkwist, kostruzzjoni, jew irranġar tad-dar ta' abitazzjoni kif ukoll id-dokumenti ndikati fl-applikazzjoni.

(3) Kull spiża li tkun tħallset mill-applikanti dwar l-applikazzjoni f l-ebda ċirkustanza ma titħallas lura, sew jekk l-applikazzjoni tiġi milqugħa u sew jekk le.

(4) L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati mill-Awtorita' u dawk biss li jinstabu li huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema, jkunu eliġibbli li jingħataw l-għotjiet skont il-klawsoli 5 u 8 ta' dan l-avviż u suġġetta għal dak li hawn iżjed il-quddiem.

(5) Kull applikazzjoni taħt din l-iskema, inklużi d-dokumenti indikati f'din il-klawsola, għandha tiġi preżentata personalment mill-applikanti fl-uffiċċju tal-Awtorita' tad-Djar, f'Malta fi 22 Triq Pietro Floriani, Floriana u f'Għawdex fi 25 Triq Enrico Mizzi Victoria, Għawdex.

## 7. Meta ma Tingħatax l-Għotja

Ebda għotja ma' tingħata lill-applikanti:

(i) jekk l-istess applikanti ma jikkwalifikawx taħt il-kundizzjonijiet ta' din l-iskema; u

(ii) li jkunu għamlu xogħlijiet fid-dar ta' abitazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 1999.

## 8. Kif isir il-Pagament tal-Għotja

L-għotja taħt :

(a) iż-żewġ kategoriji msemmija fi klawsola 5 titħallas biss wara li l-Awtorita' tad-Djar tkun sodisfatta li l-għotja mitluba tirreferi għal spejjeż tassew imħallsa fuq ix-xogħlijiet relatati u li fuqhom inħarġu l-irċevuti fiskali relattivi;

(b) iż-żewġ kategoriji A u B ma jsirux:-

   (i) qabel ma jkun tlesta x-xogħol kollu sa ġebel u saqaf fil-każ tal-ewwel ħlas, u

   (ii) qabel ma jitlesta x-xogħol ta' irfinar fil-każ tat-tieni ħlas.

## 9. Kundizzjonijiet

(a) Applikanti li jikkwalifikaw ikunu jinħtieġu jissodisfaw lill-Awtorita' illi huma jkunu ser jokkupaw id-dar sa żmien sentejn mid-data tat-talba għat-tieni ħlas u li huma jkunu ser jibqgħu joqogħdu permanentement fiha, bħala residenza ordinarja tagħhom, għal żmien ħames snin sħaħ mid-data tal-okkupazzjoni, b'dan li dawn il-ħames snin ta' okkupazzjoni jridu jkunu saru tul il-perijodu ta' seba' snin mit-talba għat-tieni ħlas.

(b) Il-ħlas tal-għotja taħt din l-iskema ma jingħatax taħt din l-iskema jew xi skema oħra li tissostitwiha:-

(i) jekk ix-xogħlijiet li dwarhom issir it-talba jkunu saru mill-istess applikanti; jew

(ii) jekk fil-każi fejn il-fondi jkunu inbiegħu mill-benefiċjarji u/jew applikanti, ix-xogħljiet magħmula mis-sidien il-ġodda jsiru qabel ħames snin mid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-ewwel benefiċjarji u/jew applikanti taħt din l-iskema.

(c) Wara l-pagament tal-ewwel parti tal-għotja, it-talba għat-tieni parti tista' ssir minn xi wieħed mill-applikanti. Din it-talba għandu jkollha magħha ċertifikat tal-perit u riċevuti fiskali dwar it-tieni stadju ta' bini u/jew irranġar skont il-każ, u kwalunkwe dokument ieħor li minn żmien għal żmien tirrikjedi l-Awtorita' tad-Djar fid-diskrezzjoni assoluta tagħha.

**10. Ħlas lura mill-Applikanti lill-Awtorita'**

Fejn il-benefiċċjarji ta' għotjiet taħt din l-iskema jonqsu li jkunu konformi mall-kundizzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' din l-iskema, huma jkollhom iħallsu lura lill-Awtorita' tad-Djar kull għotja mogħtija lilhom taħt din l-iskema. F'każ ta' koppji għarajjes jew koppja miżżewġa, l-applikanti u l-benefiċċjarji huma responsabbli lejn l-Awtorita' tad-Djar sew solidalment kif ukoll individwalment. Dan l-obbligu jibqa' fis-seħħ sa żmien ħames snin minn wara li l-Awtorita' tad-Djar tkun informata jew indunat li l-benefiċċjarji jkunu naqsu mill-obbligazzjonijet tagħhom taħt din l-iskema.

F'każ li matul dawn il-ħames snin il-benefiċċjarji ma jkunux jistgħu jkomplu jgħixu f'dan il-fond minħabba li l-benefiċċjarji jkunu iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni jew annullament, l-Awtorita' tkun tista' fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, ma tobbligax lill-benefiċċjarji jagħtu l-għotja lura.

**11. Meta l-Għotja Lura ma Tkunx Approvata**

Iċ-Chairman jista' fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jirrifjuta li japprova l-għotja jew parti minnha taħt din l-iskema minħabba xi ksur tal-kundizzjonijiet u/jew ta' dawn ir-regolamenti, f'liema każ l-applikanti ma jkunux intitolati jagħmlu xi talbiet oħra kontra l-Awtorita'. F'dawn il-każi ċ-Chairman għandu jagħti raġuni ta' rifjut bil-miktub.

Id-deċiżjoni taċ-Chairman tkun finali.

**12. Tul tal-Iskema**

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ għall-perijodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-iskema fil-Gazzetta tal-Gvern u tkun imġedda awtomatikament għall-perjodu ta' sena il-wieħed sakemm ma jiġix ippubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li jtemm l-iskema.

**13. Dritt ta' Rifjut**

Minkejja kull providement imsemmi fil-klawsoli ta' din l-iskema l-Awtorita' tad-Djar għandha d-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni.

**14. Emendi għall-Iskema**

L-Awtorita' iżżomm id-dritt li tagħmel kull emenda meħtieġa għal din l-iskema billi tippubblika dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

**15. Interpretazzjoni**

F'kull każ qed jiġi ribadit li f'każ ta' diverġenza bejn it-test Malti u dak Ingliż, it-test Malti għandu jipprevali.